



Ir-Regolament li jipprojbixxi lill-bastimenti milli jistadu għat-tonn bil-purse seines min-nofs Ġunju 2008 huwa parzjalment invalidu

Ir-Regolament jikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni sa fejn il-projbizzjoni tidħol fis-seħħ b'effett mit-23 ta' Ġunju 2008 fir-rigward tal-purse seines Spanjoli filwaqt li tidħol fis-seħħ b'effett mis-16 ta' Ġunju 2008 fir-rigward tal-purse seines Maltin, Griegi, Franċiżi, Taljani u Ċiprijotti

Is-sajd għat-tonn bil-purse seines huwa normalment permess fl-Oċean Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju. Madankollu, skont ir-Regolament bażiku tal-politika komuni tas-sajd¹, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri ta' emerġenza intiżi għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.

B'hekk, fit-12 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni adottat Regolament² li jipprojbixxi s-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran minn bastimenti li jistadu bil-purse seines u li jtajru l-bandiera tal-Greċja, ta' Franza, tal-Italja, ta' Ċipru u ta' Malta, b'effett mis-16 ta' Ġunju 2008, u mill-purse seines li jtajru l-bandiera ta' Spanja b'effett mit-23 ta' Ġunju 2008. Barra minn hekk, ir-Regolament jipprojbixxi lill-operaturi Komunitarji milli jaċċettaw l-ħatt, it-tqegħid f'gagēg għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija kif ukoll it-trażbord fl-ilmijiet jew fil-portijiet Komunitarji ta' tonn maqbud mill-purse seines f'dawn iż-żoni b'effett minn dawn l-istess gronet.

AJD Tuna hija kumpannija Maltija li għandha żewġ fish farms għat-trobbija u t-tismin ta' tonn. Wara l-adozzjoni ta' dan ir-regolament, id-Direttur tal-Agrikoltura u s-Sajd żamm lil AJD Tuna milli takkwista u timporta tonn f'Malta. AJD Tuna ppreżentat rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' Malta sabiex tikseb kumpens għad-danni li allegatament ġarrbet minħabba l-imsemmija projbizzjoni, li fil-fehma tagħha kienet abbużiva, illegali u irraġonevoli. AJD Tuna ssostni li hija ma setgħetx takkwista l-kwantità ta' tonn li hija kienet ftehmiet li tixtri mingħand sajjieda Franċiżi u Taljani qabel ma fetaħ l-istaġun tas-sajd. Peress li qieset li s-soluzzjoni tal-kawża kienet tiddependi mill-validità tar-Regolament, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għamlet rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar din il-kwistjoni.

Fis-sentenza tagħha mogħtija llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, l-ewwel nett, li r-Regolament bażiku ma huwiex invalidu sa fejn ma jipprovdix, matul il-proċess ta' adoxxjoni tal-miżuri ta' emerġenza, għall-possibbiltà li jinġabru l-osservazzjonijiet tal-operaturi li jistgħu jintlaqtu minn dawn il-miżuri. Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li d-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed fil-konfront tagħha miżura individwali li tolqotha b'mod negattiv japplika biss għall-atti individwali u mhux għal att ta' portata ġenerali bħar-Regolament bażiku.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li **r-Regolament ma jiksirx l-obbligu ta' motivazzjoni, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u lanqas il-prinċipju ta' proporzjonalità.**

Madankollu, **il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li r-Regolament jikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni** sa fejn il-projbizzjonijiet li huwa jistabbilixxi jidħlu fis-seħħ fit-23 ta' Ġunju

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, tal-20 ta' Diċembru 2002, dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 4, Vol. 5, p. 460).

² Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Mediterran (ĠU L 155, p. 9).

2008 fir-rigward tal-purse seiners Spanjoli filwaqt li dawn il-projbizzjonijiet jidħlu fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2008 fir-rigward tal-purse seiners Maltin, Griegi, Franċiżi, Taljani u Ċiprijotti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ma għex stabbilit li l-purse seiners Spanjoli kienu f'sitwazzjoni oġġettivament differenti minn dik tal-purse seiners l-oħra koperti mir-Regolament, sitwazzjoni li kieku kienet tiġġustifika, fir-rigward tagħhom, id-differiment b'ġimgħa tad-dħul fis-seħħ tal-miżuri li jipprojbixxu s-sajd sabiex jiġu protetti aħjar l-istokkijiet tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li l-projbizzjoni ta' sajd għat-tonn ma kinitx ibbażata fuq l-eżawriment tal-kwota mogħtija lil Stat Membru iżda fuq ir-riskju li jiġu eżawriti l-istokkijiet tat-tonn u fuq l-impatt tas-sajd bil-purse seiners fuq dawn l-istokkijiet. Issa, la ntwera u lanqas ma għe sostnut li l-purse seiners Spanjoli kienu differenti mill-purse seiners l-oħra fir-rigward tal-kapaċitajiet tagħhom li jistadu għat-tonn u fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq l-eżawriment tal-istokkijiet ta' din il-ħuta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li r-Regolament huwa invalidu sa fejn jittratta b'mod differenti lill-purse seiners Spanjoli fil-konfront tal-purse seiners l-oħra mingħajr ma din id-differenza fit-trattament hija oġġettivament ġustifikata, fid-dawl tal-għan segwit, jiġifieri l-protezzjoni tal-istokk tat-tonn.

NOTA: Permezz tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tal-Istati Membri jistgħu, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, jagħmlu domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħtix deċiżjoni fil-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża inkonformità mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li titressaq quddiemhom problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test](#) sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355